

**KONFERENZA DWAR L-ADEŻJONI
GĦALL-UNJONI EWROPEA
– ALBANIJA –**

**Brussell, 22 ta' Mejju 2026
(OR. en)**

AD 13/26

LIMITE

CONF-ALB 3

DOKUMENT TA' ADEŻJONI

Suġġett: POŻIZZJONI KOMUNI INTERIM TAL-UNJONI EWROPEA

- Ġabra 1: Elementi fundamentali

NEGOZJATI TAL-ADEŻJONI

ALBANIJA

POŻIZZJONI KOMUNI INTERIM TAL-UNJONI EWROPEA

Ġabra ta' Kapitoli ta' Negozjar: 1

Elementi fundamentali

Fosthom il-Funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi, ir-Riforma fl-amministrazzjoni pubblika, il-kapitoli 23 - Ġudikatura u drittijiet fundamentali, 24 - Ġustizzja, libertà u sigurtà, Kriterji ekonomiċi, il-kapitoli 5 - Akkwist pubbliku, 18 - Statistika, 32 - Kontroll finanzjarju

POŻIZZJONI KOMUNI INTERIM TAL-UNJONI EWROPEA

L-UE taqbel li l-Albanija, b'mod ġenerali, laħqet il-parametri referenzjarji interim stipulati fil-Pożizzjoni Komuni ta' ftuħ tal-Unjoni Ewropea (AD 18/24 CONF-ALB 3). Fuq il-bażi ta' din il-valutazzjoni, din il-Pożizzjoni Komuni interim tal-UE tikkomplementa l-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar il-ftuħ tal-Ġabra 1, li kienet diġà stabbiliet il-pożizzjoni tal-UE u l-parametri referenzjarji għall-għeluq għall-kapitoli 5, 18, 32 li jibqgħu validi. Din il-Pożizzjoni Komuni interim tal-UE sservi fost l-oħrajn biex tistabbilixxi l-parametri referenzjarji għall-għeluq li fadal taħt din il-ġabra.

Din il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-pożizzjoni ġenerali tagħha għall-Konferenza mal-Albanija dwar l-adeżjoni (AD 5/22 CONF-ALB 2), u hija soġġetta għall-prinċipji ta' negozjar approvati fiha, b'mod partikolari:

- kwalunkwe fehma espressa mill-Albanija jew l-UE dwar kapitolu speċifiku tan-negozjati bl-ebda mod ma hija ser tippreġudika l-pożizzjoni li tista' tittieħed dwar kapitolu oħrajn;
- ftehimiet li jintlaħqu matul in-negozjati dwar kapitolu speċifiki, anki dawk parzjali, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala finali qabel ma jkun intlaħaq ftehim ġenerali għall-kapitolu kollha;
- kif ukoll għar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 3, 5, 10, 14, 16, 31, 33, 36, 38, 39, 46, 47 u 48 tal-Qafas ta' Negozjar.

L-UE tteġġeg lill-Albanija tkompli bil-proċess ta' allinjament mal-acquis tal-UE u mal-Istandards Ewropej rilevanti u bl-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tagħhom, u b'mod ġenerali biex tiżviluppa, diġà qabel l-adeżjoni, politiki u strumenti li jkunu kemm jista' jkun qrib dawk tal-UE. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tar-riformi u l-leġiżlazzjoni ewlenin fil-Ġabra tal-elementi fundamentali kollha, inkluż rekords solidi kif stipulat hawn taħt.

L-UE tinnota li l-Albanija, fil-pożizzjoni tagħha AD 19/24 CONF-ALB 4 taċċetta l-acquis tal-UE taħt il-Ġabra 1 kif kien fis-seħħ fit-2 ta' Ottubru 2024 u li hija ser tkun lesta li timplimentah sad-data tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea.

L-UE tieħu nota pożittiva tad-diversi passi u miżuri adottati u implimentati mill-Albanija bbażati fost l-oħrajn fuq il-Pjanijiet Direzzjonali tagħha dwar l-Istat tad-Dritt, ir-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika u l-Funzjonament tal-Istituzzjonijiet Demokratiċi kif ukoll l-isforzi tagħha biex tilħaq il-parametri referenzjarji interim stabbiliti fid-dokument AD 18/24 CONF-ALB 3.

1. Il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi

L-UE tinnota sew li l-Albanija kompliet issaħħaħ l-istituzzjonijiet demokratiċi tagħha u li l-qafas legali u istituzzjonali tagħha jippermetti proċess elettorali demokratiku. L-UE tkegġegħ lill-Albanija tindirizza l-ambigwitatijiet u d-diskrepanzi legali li fadal enfasizzati mill-OSKE/ODIHR, kif ukoll rakkomandazzjonijiet konġunti oħra tal-OSKE/ODIHR u l-Kummissjoni ta' Venezja, b'mod partikolari fir-rigward tal-leġiżlazzjoni, ir-regoli u l-amministrazzjoni elettorali, li jeħtiegħ ukoll li jiġu implimentati fil-ħin u b'mod effettiv fil-kuntest tal-elezzjonijiet muniċipali li ġejjin. L-UE tkegġegħ lill-Albanija tkompli ssaħħaħ il-leġiżlazzjoni dwar il-media fil-kampanji elettorali, b'mod partikolari dwar ir-reklamar politiku, id-diżinformazzjoni u l-pjattaformi online, biex tallinjaha mal-acquis tal-UE u mal-istandards Ewropej, u timplimentaha b'mod effettiv. L-UE tenfasizza li, għalkemm il-biċċa l-kbira tal-partijiet iffirmaw kodiċi ta' kondotta volontarju dwar il-kampanji diġitali, għadu prevalenti kontenut diviżiv u manipulattiv u l-isforzi ta' monitoraġġ huma limitati. L-UE tenfasizza li jeħtiegħ li l-Albanija tiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-kandidati kollha billi tieħu miżuri biex tipprevjeni l-użu ħażin tar-riżorsi tal-istat u tal-influwenza istituzzjonali kif ukoll billi tnaqqas l-influwenza tan-networks ta' patroċinju. L-UE tieħu nota tal-istabiliment ta' Kumitat Parlamentari bejn il-partiti ddedikat għar-riforma elettorali, li għandu jwassal għal dialogu politiku inklużiv u kostruttiv, kif ukoll konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha.

L-UE tneġġeġ aktar konsolidazzjoni tar-rwol istituzzjonali tal-assemblea tal-Albanija u tinnota li saru passi f'dan ir-rigward. L-UE tinnota li s-sessjonijiet parlamentari għadhom ikkaratterizzati minn tensjonijiet u sorveljanza limitata tal-eżekuttiv. L-UE tinnota wkoll li l-allinjament leġiżlattiv relatat mal-acquis jeħtieġ proċess bir-reqqa, b'biżżejjed żmien għal konsultazzjonijiet sostanzjali, u tistenna li dan jiġi żgurat, fi djalogu inklużiv mal-atturi rilevanti, inkluż is-soċjetà ċivili. F'dan ir-rigward, l-UE tfakkar fl-importanza li l-Albanija żżomm lura minn kwalunkwe miżura leġiżlattiva li ma tikkonformax mal-istandards Ewropej. L-UE tneġġeġ aktar sforzi biex jiżdiedu t-trasparenza u l-irfiġh tar-responsabbiltà, l-integrità u l-effettività, inkluż fir-rigward tal-interazzjonijiet fi ħdan il-Parlament u bejn il-Parlament u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) / l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSC) inkluż fir-rigward tal-puntwalità tal-pubblikazzjonijiet tiegħu. L-UE tfakkar li Parlament li jiffunzjona jrid ikun jista' jeżerċita b'mod sostenibbli sorveljanza effettiva u mingħajr xkiel fuq l-eżekuttiv, anke permezz ta' kumitati ta' inkjesta, kif ukoll ir-rwol leġiżlattiv tiegħu billi jaħdem bi trasparenza u rfiġh tar-responsabbiltà, integrità u effettività, inkluż permezz ta' djalogu politiku kostruttiv u inklużiv, anke fi ħdan il-partiti politiċi. L-iżgurar ta' dawn il-funzjonijiet jikkostitwixxi pilastru ċentrali tal-proċess ta' adeżjoni.

L-UE tissottolinja li b'mod ġenerali, il-qafas legali, regolatorju u istituzzjonali għas-**soċjetà ċivili** jinsab fis-seħħ, iżda huwa meħtieġ titjib biex tkun possibbli l-implimentazzjoni sħiħa tal-qafas legali, b'mod partikolari għall-proċeduri ta' reġistrazzjoni. L-UE tinnota li l-proċessi ta' konsultazzjoni jeħtieġ li jittejbu biex isiru aktar inklużivi, biex tiżdied l-effettività u l-kwalità tagħhom, kemm fil-livell ċentrali kif ukoll f'dak lokali, u li huma meħtieġa sforzi u riżorsi addizzjonali, inkluż finanzjament pubbliku trasparenti, biex jiġi żgurat ambjent sostenibbli u abilitanti għas-soċjetà ċivili.

2. Riforma fl-amministrazzjoni pubblika

L-UE tinnota li l-qafas strateġiku tal-Albanija **għall-amministrazzjoni pubblika** huwa fis-seħħ. L-UE tieħu nota tal-istabbiliment ta' Kumitat Parlamentari bejn il-partiti ddedikat għar-riforma territorjali. L-UE tilqa' tajjeb l-adozzjoni ta' strateġija ġdida għar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika 2025-2030 u Strateġija ġdida għall-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi 2024-2030 u tfakkar fl-importanza li r-riformi futuri jkunu konsistenti mal-istandards Ewropej u internazzjonali u fl-importanza li r-riformi jitwettqu permezz ta' djalogu inklużiv mal-partijiet ikkonċernati kollha, bħas-soċjetà ċivili u r-rappreżentanti tal-minoranzi nazzjonali. L-UE tissottolinja li għandha tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u f'waqtha tal-istrateġiji, kemm fil-livell ċentrali kif ukoll f'dak lokali, u thegħeġ lill-Albanija ttejjeb l-oqfsa ta' monitoraġġ u rappurtar. Għandhom jiġu żgurati l-konsistenza ġenerali tal-Istrateġija għar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika ma' dokumenti strateġiċi u ta' ppjanar ta' politika oħrajn, kif ukoll is-sostenibbiltà finanzjarja tar-riformi relatati mar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika. L-UE tissottolinja wkoll li s-sistema ta' koordinazzjoni tal-politiki għadha kumplessa u għandha tkompli tiġi ssimplifikata.

L-UE tissottolinja li l-Albanija hija moderatament imħejjija dwar **l-iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-politika** tagħha. Fil-qasam tal-iżvilupp tal-politika, il-bażi legali u l-istruttura istituzzjonali għat-fassil konsistenti tal-politiki huma fil-biċċa l-kbira tagħhom fis-seħħ. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija taġġorna l-qafas regolatorju tagħha biex ittejjeb l-ippjanar tal-politika fuq perjodu medju, ittejjeb il-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-impatt regolatorju (RIAs) u l-konsultazzjonijiet pubbliċi, u testendi l-użu tagħhom għal-leġiżlazzjoni sekondarja kollha. L-UE tinnota li l-Albanija għandha tiżgura segwitu adegwat għall-konsultazzjonijiet pubbliċi u tippermetti parteċipazzjoni akbar tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-acquis. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija ssaħħaħ ir-rwol tas-sorveljanza parlamentari tal-gvern permezz ta' djalogu politiku u konsultazzjoni pubblika bir-reqqa u inklużivi.

L-UE tinnota li l-leġiżlazzjoni dwar is-**servizz ċivili** tal-Albanija hija ġeneralment allinjata mal-prinċipji ewlenin ta' reklutaġġ, promozzjoni u tkeċċija bbażati fuq il-mertu u trasparenti. Madankollu, jeħtieġ li fil-prattika d-dispożizzjonijiet dwar ir-reklutaġġ u l-promozzjoni bbażati fuq il-mertu jiġu implimentati u mmonitorjati b'konsistenza fil-livelli kollha. L-UE tinnota l-passi meħuda mill-Albanija biex tirrevedi l-leġiżlazzjoni dwar is-servizz ċivili, bl-għan li ttejjeb ir-reklutaġġ ibbażat fuq il-mertu u ta' karigi għolja, u tappella lill-Albanija biex tagħmel avvanz fl-adozzjoni u l-implimentazzjoni tagħha. L-UE tinnota l-finalizzazzjoni tar-riforma tas-salarji għall-impjegati taċ-ċivil, inkluż l-estensjoni tagħha għall-amministrazzjonijiet lokali. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija tkompli tarmonizza u timplimenta s-sistema ta' klassifikazzjoni tal-impjiegi fl-istituzzjonijiet kollha. L-UE tissottolinja l-importanza li l-Albanija tiżgura amministrazzjoni pubblika li tkun kapaċi timplimenta b'mod effettiv l-acquis u r-riformi relatati mal-UE, issaħħaħ is-sjeda istituzzjonali anke fl-użu ta' għarfien espert estern, u timmobilizza finanzjament pubbliku sostenibbli.

L-UE tinnota l-ħidma tal-Albanija biex ittejjeb il-qafas legali għall-**organizzazzjoni tal-korpi amministrattivi ċentrali**. L-UE tistieden lill-Albanija biex timxi 'l quddiem fl-implimentazzjoni effettiva tal-Liġi riveduta dwar l-Organizzazzjoni u l-Funzjonament tal-Amministrazzjoni tal-Istat. L-UE ttejjeb lill-Albanija ssaħħaħ is-sorveljanza tal-aġenziji subordinati mill-ministeri rispettivi. L-UE ttejjeb lill-Albanija ttejjeb it-trasparenza tal-istituzzjonijiet pubbliċi, inkluż billi ssaħħaħ l-aċċess għall-informazzjoni pubblika għaċ-ċittadini. L-UE tfakkar fl-importanza li l-Albanija tissalvagwarda d-diviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn il-livelli tal-gvern ċentrali u lokali, inkluż l-awtonomija tal-gvern lokali, kif stipulat fis-sistema legali tal-Albanija u b'kont meħud tar-rakkomandazzjonijiet mill-korpi internazzjonali rilevanti.

L-UE tfakkar li d-diġitalizzazzjoni hija t-triq lejn amministrazzjoni pubblika aħjar li tipprovdi servizzi elettroniċi aktar trasparenti, effiċjenti, effettivi u ta' kwalità għolja bi spejjeż u piż amministrattivi mnaqqa għaċ-ċittadini u n-negożji. L-UE tiegħu nota tal-livell ġeneralment għoli ta' **diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi** tal-Albanija, li jkopri madwar 95 % tas-servizzi pubbliċi kollha. L-UE tistieden lill-Albanija tkompli tiggarrantixxi trattament ugwali u aċċessibbiltà għas-servizzi amministrattivi għaċ-ċittadini u n-negożji kollha. L-UE tteggieg lill-Albanija żżid l-isforzi għas-simplifikazzjoni tal-proċessi u s-servizzi amministrattivi u ssaħħaħ iċ-ċibersigurtà. L-UE tilqa' tajjeb l-adozzjoni tal-Qafas Nazżjonali għall-Interoperabbiltà f'konformità mal-aħħar Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà. L-UE tteggieg lill-Albanija tkompli timmonitorja l-iżviluppi fl-acquis diġitali tal-UE, b'mod partikolari l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji (ir-Regolament eIDAS), sabiex twaqqaf portafoll nazżjonali tal-identità diġitali.

L-UE tinnota li l-qafas għall-**ġestjoni tal-finanzi pubbliċi** jinsab fis-seħħ, għalkemm hemm lok għal aktar titjib. L-UE tinnota li l-Albanija għamlet xi progress fit-titjib tal-qafas baġitarju tagħha fuq perjodu medju u tilqa' tajjeb l-adozzjoni tal-Istrateġija fuq Perjodu Medju għad-Dħul 2024-2027. L-UE tappella lill-Albanija biex terġa' tistabilixxi bis-sħiħ il-prattika li twettaq reviżjonijiet tal-baġit permezz tal-Parlament u biex tillimita l-użu ta' atti normattivi għal ċirkostanzi eċċezzjonali u ġustifikati, filwaqt li tiżgura li l-Parlament jeżerċita d-drittijiet baġitarji tiegħu bis-sħiħ. L-UE tissottolinja l-importanza li l-Albanija żżid il-kapaċitajiet istituzzjonali għall-monitoraġġ tar-riskji fiskali u ttejjeb il-ġestjoni tal-investment pubbliku. L-UE tteggieg lill-Albanija tistabilixxi u tħaddem Kunsill Fiskali sabiex tissaħħaħ il-kredibbiltà tal-politiki fiskali fil-pajjiż.

3. Kapitolu 23: Il-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali

L-UE tissottolinja li l-qafas leġiżlattiv u istituzzjonali tal-Albanija għandu livell għoli ta' allinjament mal-acquis tal-UE u l-istandards Ewropej rilevanti fil-**funzjonament tal-ġudikatura**. L-UE tistieden lill-Albanija tikkonsolida l-implimentazzjoni tar-riformi permezz tal-Istrateġija riveduta dwar il-Ġustizzja 2024-2030 li tippermetti t-tiżiħ tal-kooperazzjoni interistituzzjonali, il-monitoraġġ regolari u l-ġbir u l-analiżi mtejba tad-data.

L-UE tinnota l-avvanzi tal-Albanija fl-**indipendenza u l-imparzjalità** tas-sistema ġudizzjarja u dik ta' prosekuzzjoni. L-UE tinnota l-kisbiet tal-Albanija sa issa u l-pjanijiet tagħha li tkompli tiżviluppa l-kapaċità, l-indipendenza u l-effiċjenza tal-korpi awtonomi tal-ġudikatura u li tikkonsolida l-progress permezz ta' ħatriet u avvanzi fil-karriera bbażati fuq il-mertu, it-tiżiħ tat-trasparenza tal-promozzjonijiet, u ż-żamma u l-applikazzjoni rigorużi ta' kontrolli perjodiċi bir-reqqa tal-integrità matul il-karriera ta' maġistrat. L-UE tinnota wkoll il-passi tal-Albanija biex issegwi l-istandards għoljin stabbiliti mill-proċess ta' skrutinju u tişhaq fuq il-ħtieġa li l-Albanija tħares u żżomm dawk l-istandards b'mod sostenibbli. L-UE tappella wkoll lill-Albanija biex tiżgura li r-regoli tal-allokazzjoni aleatorja tal-każijiet jiġu applikati b'mod effettiv fil-prattika, għalkemm huma meħtieġa aktar sforzi biex din issir kompletament awtomatizzata. L-UE jiddispjaċiha u tħeġġeġ lill-Albanija tindirizza b'mod effettiv iż-żieda f'tentattivi inkwetanti minn uffiċjali pubbliċi jew politiċi, anke fl-ivelli għoljin, li jeżerċitaw influwenza mhux xierqa fuq l-istituzzjonijiet tal-ġustizzja, inkluż l-Istruttura Speċjalizzata Kontra l-Korruzzjoni u l-Kriminalità Organizzata (SPAK), u l-attakki personali fuq l-imħallfin u l-prosekuturi u tkompli ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet tal-ġustizzja għal istanzi ta' interferenza interna u esterna, anke billi tiżgura li l-HJC u l-HPC ikomplu jirreaġixxu b'mod sod għall-attakki fuq il-ġudikatura minn rappreżentanti tal-fergħa eżekuttiva jew leġiżlattiva. L-UE tissottolinja ferm il-ħtieġa li kemm l-eżekuttiv kif ukoll il-fergħa leġiżlattiva tal-Albanija jirrispettaw bis-sħiħ l-indipendenza tal-ġudikatura u jimplimentaw bis-sħiħ, bħala kwistjoni ta' prijorità, id-deċiżjonijiet vinkolanti tal-Qorti Kostituzzjonali, filwaqt li tinnota istanzi fil-passat ta' implimentazzjoni mhux kompluta u mdewma tad-deċiżjonijiet mill-eżekuttiv u l-fergħa leġiżlattiva. Barra minn hekk, l-UE tissottolinja li l-leġiżlazzjoni u l-prattiki dwar it-tneħħija tal-immunità għandhom ikunu ggwidati minn standards Ewropej, b'mod partikolari dawk stabbiliti mill-opinjoni u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja. L-UE tissottolinja l-importanza li l-Albanija tiżgura l-oġhla standards ta' integrità, trasparenza u bbażati fuq il-mertu fil-ħatra tal-membri kollha tal-korpi ta' awtoregolamentazzjoni u ta' korpi ġudizzjarji u ta' prosekuzzjoni ewlenin oħra.

L-UE tinnota li l-Albanija għandha qafas legali u istituzzjonali li jiżgura regolamentazzjoni robusta tal-**irfigħ sostnut tar-responsabbiltà** tas-sistema ġudizzjarja. L-UE tilqa' tajjeb it-tlestija mill-Albanija tal-proċess ta' skrutinju fl-ewwel istanza u tinnota l-pjan tagħha għat-tlestija ordnata tal-proċess ta' skrutinju fil-fażi tal-appell sal-iskadenzi kostituzzjonali, taħt is-sorveljanza tal-Operazzjoni ta' Monitoraġġ Internazzjonali. L-UE tissottolinja l-ħtieġa tal-Albanija li tkompli bil-bidu ta' proċeduri kriminali kontra mħallfin u prosekuturi akkużati bi mġiba kriminali matul il-proċess ta' skrutinju u l-importanza kruċjali li jiġu applikati l-istandards għoljin stabbiliti mill-proċess ta' skrutinju. L-UE tinnota wkoll il-passi inizjali tal-Albanija biex tiżgura li s-servizzi ta' spezzjoni u l-istituzzjonijiet awtonomi, b'mod partikolari l-Ispettur Għoli tal-Ġustizzja, il-Kunsill Ġudizzjarju Għoli u l-Kunsill Għoli ta' Prosekuzzjoni, ikunu jistgħu jiżviluppaw rekord solidu ta' rfiġ sostnut tar-responsabbiltà u integrità fis-sistema ġudizzjarja fil-livelli kollha, filwaqt li huma meħtieġa aktar sforzi biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Ispettur Għoli tal-Ġustizzja u biex jiġu żgurati trasparenza akbar u użu aktar limitat ta' trasferimenti laterali, b'mod partikolari billi jiġi evitat l-użu tagħhom għall-promozzjonijiet. L-UE tinnota r-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-ħatra ta' membri mhux maġistrati biex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' integrità u mertu fil-ħatriet ta' membri mhux maġistrati tal-Kunsill Ġudizzjarju Għoli u tal-Kunsill Għoli ta' Prosekuzzjoni.

L-UE tinnota l-isforzi tal-Albanija biex tistabilixxi bażi tajba għall-**kwalità u l-effiċjenza** tas-sistema ġudizzjarja. L-UE tinnota li jeħtieġ li jitkomplew sforzi bħal dawn biex jiġu żgurati biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji biex il-ġudikatura tkun tista' tiffunzjona bis-sħiħ, b'mod effiċjenti u indipendenti, u biex jiġi garantit id-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja, anke billi tkompli titnaqqas il-ħidma b'lura tal-evalwazzjoni. L-UE tinnota l-progress miksub fit-tisħiħ tal-Iskola tal-Maġistrati biex toffri edukazzjoni ta' livell għoli lill-maġistrati aspiranti, u tistieden lill-Albanija tkompli tikkonsolida dawn l-isforzi, fosthom it-titjib u l-implimentazzjoni effettiva ta' eżami tad-dħul imsejjes fuq it-trasparenza, kriterji oġġettivi u kompetizzjoni ġusta. L-UE taqbel li jeħtieġ li l-Albanija tkompli ttejjeb l-għodod tal-IT għad-dispożizzjoni tal-qrati u tinnota l-pjan tal-Albanija b'rabta ma' dan. L-UE tappella wkoll għall-istabbiliment f'waqtu ta' sistema integrata ta' ġestjoni tal-każijiet u tissottolinja l-importanza li jiġi evitat kwalunkwe aċċess mhux awtorizzat għad-data tas-sistema. L-UE tinnota wkoll il-ħtieġa li jimtlew b'mod kostanti l-karigi ġudizzjarji battala li fadal bħala kwistjoni ta' urġenza biex tiġi żgurata l-effiċjenza tal-ġustizzja, li għaliha ser ikun meħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti kwoti għall-maġistrati kandidati li jindirizzaw b'mod adegwat il-ħtiġijiet tas-sistema ġudizzjarja. L-UE tenfasizza l-ħtieġa li ttejjeb il-kwalità tal-infrastruttura tal-qrati u tal-uffiċċji tal-prosekuzzjoni u s-sigurtà tal-individwi, inkluż fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-ġustizzja u tal-infurzar tal-liġi. L-UE tfakkar ukoll fl-importanza li l-Albanija tiżgura protezzjoni ġudizzjarja effettiva u implimentazzjoni konsistenti, f'waqtha u kompluta/sħiħa tas-sentenzi kollha tal-qrati.

L-UE tinnota li l-qafas leġiżlattiv u istituzzjonali tal-Albanija dwar **il-ġlieda kontra l-korruzzjoni** huwa parzjalment allinjat mal-acquis tal-UE. L-UE tilqa' tajjeb il-progress tanġibbli tal-Albanija fl-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-kundanni fuq akkużi ta' korruzzjoni, inkluż kontra uffiċjali ta' livell għoli. L-UE tilqa' tajjeb ir-riżultati tajbin li diġà nkisbu mill-iSPAK u l-qrati tagħha, anke f'kawżi ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Madankollu, l-UE tissottolinja li l-korruzzjoni għadha prevalenti fil-biċċa l-kbira tal-oqsma tal-ħajja pubblika u tan-negozju, inkluż fil-fergħat kollha tal-gvern u l-istituzzjonijiet ċentrali u lokali u tibqa' qasam ta' tħassib kruċjali. L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija tkompli tagħmel progress sinifikanti lejn il-prevenzjoni u l-indirizzar tan-natura ġeneralizzata u mifruxa tal-korruzzjoni. L-UE tinnota l-progress tal-Albanija biex tkompli temenda u tissupplimenta l-qafas legali u istituzzjonali tagħha għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni. L-UE tissottolinja li dawn il-miżuri issa jeħtieġ li jiġu implimentati b'determinazzjoni u jħallu impatt b'mod partikolari fis-setturi l-aktar f'riskju ta' korruzzjoni, fuq kollox l-infrastruttura pubblika, il-katast u d-drittijiet tal-proprjetà, id-dwana, l-amministrazzjoni tat-taxxa, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-akkwist pubbliku, u l-kuntratti ta' Sħubijiet Pubbliċi-Privati. L-UE tistieden lill-Albanija tiffinalizza r-reviżjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni dwar id-donazzjonijiet u l-isponsorizzazzjonijiet u dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi, permezz ta' djalogu inklużiv u kostruttiv bejn il-partiti u bil-ħsieb li tissaħħaħ it-trasparenza. L-UE tinnota l-isforzi tal-Albanija biex issaħħaħ il-kapaċitajiet istituzzjonali u l-koordinazzjoni tal-istituzzjonijiet għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni, li jeħtieġ li jiġu rinforzati. L-UE tinnota wkoll il-konsolidazzjoni tal-kapaċitajiet operazzjonali u umani tal-Prosekutur Speċjali għall-Korruzzjoni u l-Kriminalità Organizzata u l-qrati tal-iSPAK, li jeħtieġ li tkompli tiżdied. L-UE tilqa' tajjeb il-progress favur l-istabbiliment ta' rekord solidu fir-repressjoni sistemika tal-korruzzjoni u tappella lill-Albanija biex tkompli tikkonsolida dawn l-isforzi, b'mod partikolari f'livell għoli, inkluż il-konfiska finali tal-assi, u biex iżżid l-għadd ta' riferimenti lill-iSPAK minn awtoritajiet oħra, inkluż il-Pulizija tal-Istat Albaniż. L-UE jiddispjaċiha dwar ċerti deċiżjonijiet tal-passat tal-Parlament Albaniż kif ukoll dwar kummenti minn uffiċjali pubbliċi fir-rigward ta' investigazzjonijiet kontra eks uffiċjali pubbliċi u membri tal-Parlament. L-UE tenfasizza l-importanza li l-Albanija tintensifika l-isforzi biex tiġġieled il-korruzzjoni f'livell għoli u tħares il-prinċipju tal-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, u li l-ġudikatura, inkluż l-iSPAK, tkompli twettaq il-ħidma tagħha b'mod indipendenti, kif ukoll b'imparzjalità, irfiġh tar-responsabbiltà, professjonaliżmu u rispett għad-drittijiet tad-difiża, mingħajr indħil.

L-UE tinnota l-progress li nkiseb fit-tisħiħ tal-effiċjenza tal-qafas għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni, u tappella lill-Albanija biex tkompli tikkonsolida dawn l-isforzi, fost l-oħrajn billi tallinjah aktar mal-acquis tal-UE u tindirizza b'mod sistematiku u effettiv ir-rakkomandazzjonijiet kollha li jirriżultaw mill-mekkaniżmi internazzjonali ta' monitoraġġ dwar il-Konvenzjonijiet li hija parti għalihom, fosthom il-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni u l-Grupp ta' Stati tal-Kunsill tal-Ewropa kontra l-Korruzzjoni (GRECO). L-UE tinnota l-importanza kbira li l-Albanija tiżgura li l-bidliet legali futuri għal-leġiżlazzjoni kriminali, inkluż amnestiji potenzjali, ikunu konformi mal-acquis tal-UE u l-istandards Ewropej u jgħinu bis-sħiħ lill-pjan tal-pajjiż biex inaqas il-korruzzjoni b'mod konsistenti.

L-UE tinnota li l-qafas legali u istituzzjonali tal-Albanija huwa parzjalment allinjat mal-acquis tal-UE u mal-istandards Ewropej dwar id-**drittijiet fundamentali** u tissottolinja li l-implimentazzjoni jeħtieġ li tissaħħaħ biex tiġi garantita t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet fundamentali fil-prattika, inkluż it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-istituzzjonijiet indipendenti tad-drittijiet fundamentali u l-indirizzar sistematiku tar-rakkomandazzjonijiet tagħhom kif ukoll dawk tal-korpi internazzjonali ta' monitoraġġ, inkluż il-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura, kif ukoll l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-UE tinnota li jeħtieġ li l-Albanija tallinja ruħha mal-acquis tal-UE fi proċedimenti kriminali, rigward id-drittijiet tal-vittmi u dwar id-drittijiet proċedurali.

L-UE tilqa' tajjeb l-adozzjoni ta' liġi ġdida dwar il-**protezzjoni tad-data personali** u l-għaxar atti leġiżlattivi ta' implimentazzjoni li jakkumpanjawha, b'allinjament mal-acquis rilevanti tal-UE. L-UE tinnota li issa jeħtieġ li l-Albanija tiżgura implimentazzjoni u infurzar effettivi tal-qafas legali l-ġdid. L-UE tinnota li l-Albanija tippjana li ssaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali tal-Kummissarju għall-Infurmazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data kif ukoll tal-kontrolluri pubbliċi u privati biex tiżgura infurzar effettiv tad-dritt, inkluż miżuri ta' sensibilizzazzjoni pubblika. L-UE tissottolinja l-importanza li l-Albanija twettaq il-pjan tagħha li tinvestiga b'mod effettiv il-ksur tad-drittijiet tal-protezzjoni tad-data, inkluż dawk fuq skala kbira.

L-UE tinnota li fir-rigward tal-**libertà tal-espressjoni**, il-qafas legali u istituzzjonali tal-Albanija huwa parzjalment allinjat mal-acquis tal-UE u mal-istandards Ewropej filwaqt li għadu meħtieġ titjib sinifikanti. L-UE tinnota l-ewwel passi tal-Albanija fil-pjan tagħha biex tagħmel riforma profonda possibbli. L-UE tteġġiġha tlesti l-emendi tal-qafas legali u regolatorju, u tistabbilixxi l-miżuri ta' implimentazzjoni u ta' infurzar meħtieġa biex ikompli jissaħħu t-trasparenza tas-sjieda tal-media, il-pluralità tal-media u l-indipendenza editorjali, kif ukoll biex jissaħħu t-trasparenza tal-finanzjament tal-media minn riżorsi privati u statali, l-awtonomija tar-regolatur tal-media u l-indipendenza tax-xandar tal-istat, f'konformità mal-acquis tal-UE.

L-UE tinnota bi tħassib li l-atmosfera ta' attacchi verbali u fiżiċi, kampanji ta' malafama u kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPP) immirati lejn il-ġurnalisti ma tjiġitx u għad trid tiġi indirizzata bis-sħiħ. L-UE tiegħu nota tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tal-Kodiċi Kriminali b'rabta mad-dekriminalizzazzjoni tal-malafama fil-każ tal-ġurnalisti. L-UE tfakkar fl-importanza li l-Albanija tħassar għalkollox id-dispożizzjonijiet kriminali li fadal dwar l-insult u l-malafama mingħajr aktar dewmien, u tallinja l-aspetti ċivili tal-malafama mal-istandards Ewropej u tappella għal allinjament sħiħ u rapidu mad-Direttiva tal-UE kontra l-iSLAPP. L-UE tissottolinja wkoll l-importanza li jingħata segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-UE[...] dwar l-Anti-SLAPP. L-UE tissottolinja li ser ikun meħtieġ segwitu bir-reqqa, b'mod partikolari mill-punti fokali maħtura fi h̄dan il-Pulizija tal-Istat u fi h̄dan is-servizzi ta' prosekuzzjoni, sabiex il-miżuri u s-salvagwardji formali jiġu implimentati b'mod effettiv u jissarrfu f'titjib tanġibbli fis-sikurezza tal-ġurnalisti kif ukoll fl-ambjent tax-xogħol tagħhom. Kwalunkwe bidla fil-qafas legali jeħtieġ li tkun konformi mal-istandards u r-rakkomandazzjonijiet Ewropej, inkluż l-opinjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezia, u tkun soġġetta għal konsultazzjonijiet inklużivi mal-organizzazzjonijiet tal-media u mas-soċjetà ċivili. F'dan il-kuntest, l-UE tinnota d-djalogu strutturat li għaddej bejn l-istituzzjonijiet u l-atturi tal-media biex jiġu diskussi riformi ewlenin biex jissaħħu l-libertà tal-espressjoni, il-libertà u l-pluraliżmu tal-media. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' dan id-djalogu għandhom jiffurmaw il-bażi għal aktar riforma meħtieġa fis-settur tal-media.

B'rabta mal-**ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni**, fejn l-Albanija kisbet allinjament parzjali mal-acquis tal-UE, l-UE tinnota li l-Albanija kompliet tagħmel progress fil-pjanijiet tagħha biex tallinja l-qafas legali tagħha dwar in-nondiskriminazzjoni għalkollox mal-acquis tal-UE kif ukoll fil-miżuri ta' allinjament b'rabta mad-direttiva dwar l-ugwaljanza razzjali. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li jiġu żgurati l-kapaċità istituzzjonali u l-finanzjament sostenibbli fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni biex tkun tista' ssir l-implimentazzjoni f'waqtha ta' miżuri, inkluż l-allinjament tad-dispożizzjonijiet legali dwar in-nondiskriminazzjoni, il-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda, kontra l-gruppi kollha, irrISPettivament mir-reliġjon, in-nazzjonalità, l-oriġini razzjali jew etnika u kwalunkwe raġuni oħra għad-diskriminazzjoni, u r-rispett, il-protezzjoni u l-ħarsien tat-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem kollha minn persuni LGBTI, anke permezz tal-ħidma tal-Kummissarju għall-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni, li jeħtieġ li jerġa' jinħatar wara li ilu barra mill-kariga mill-2023, u tal-Avukat tal-Poplu, li l-kapaċità istituzzjonali tiegħu jeħtieġ li tiżdied. L-UE tinnota wkoll il-pjanijiet tal-Albanija li tlesti l-allinjament mal-acquis tal-UE fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, b'mod partikolari biex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, u tilqa' tajjeb l-adozzjoni tal-Liġi dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri. Jeħtieġ li l-isforzi jiffukaw fuq l-implimentazzjoni effettiva u fuq it-tiħiħ tas-sostenibbiltà tal-postijiet ta' kenn għall-vittmi tal-vjolenza. L-UE tistieden lill-Albanija talloka aktar riżorsi biex tiżdied il-kapaċità istituzzjonali u biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-servizzi għal rimedju u assistenza lill-vittmi. L-UE tinnota l-importanza li l-Albanija ssaħħaħ id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, fost l-oħrajn f'termini ta' progress sinifikanti lejn id-deistituzzjonalizzazzjoni, appoġġ għall-għajxien indipendenti, u aċċessibbiltà¹.

L-UE tfakkar fil-pjan tal-Albanija li tħares u ssaħħaħ id-**drittijiet tat-tfal**, fost l-oħrajn billi ssaħħaħ sistema integrata ta' protezzjoni tat-tfal u billi tespandi d-disponibbiltà ta' servizzi bbażati fil-komunità bil-ħsieb li titlesta d-deistituzzjonalizzazzjoni tat-tfal. L-UE tissottolinja l-ħtieġa għal implimentazzjoni f'waqtha tar-riforma biex jiħarsu u jissaħħu d-drittijiet tat-tfal bl-aħjar interess tat-tfal bħala prinċipju gwida. L-UE tappella lill-Albanija biex talloka riżorsi finanzjarji adegwati u ssaħħaħ il-kapaċitajiet istituzzjonali fil-livelli kollha tal-gvern biex tiġġieled il-faqar fost it-tfal.

¹ Il-kwistjonijiet tal-inklużjoni edukattiva u professjonali huma eżaminati f'artikolazzjoni mal-kapitoli 19 u 26.

Fir-rigward tad-**dritt għall-proprjetà**, l-UE tinnota l-pjan tal-Albanija li tiżgura protezzjoni għudizzjarja effettiva u tissottolinja l-importanza li din il-kwistjoni tiġi indirizzata mingħajr dewmien f'konformità mat-Trattati tal-UE, kif ukoll li tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u f'waqtha tas-sentenzi kollha tal-qrati, b'mod partikolari s-sentenzi finali tal-qrati, filwaqt li jiġi rikonoxxut id-dritt għall-proprjetà tas-sid preċedenti, u b'hekk jintemmu sitwazzjonijiet twal ta' nuqqas ta' infurzar. Dan japplika wkoll għas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, f'dan il-qasam. L-UE tinnota li l-Albanija adottat leġislazzjoni ta' implimentazzjoni dwar il-Liġi dwar il-katasti u l-Liġi dwar il-finalizzazzjoni tal-proċessi ta' sjieda tranżizzjonali, iżda għad fadal sfidi sinifikanti fl-implimentazzjoni. L-UE tinnota l-impatt sproporzjonat fuq żoni fejn jgħixu għadd kbir ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali, fuq żoni ta' valur ekonomiku għoli u fuq żoni kostali. B'mod partikolari, skont il-Pjan Direzzjonali għall-kapitoli dwar l-Istat tad-Dritt, qed titqiegħed fis-seħħ sistema effiċjenti u trasparenti ta' reġistrazzjoni tal-proprjetà u għestjoni integrata, li għandha toffri titoli ta' proprjetà ċari u siguri fl-Albanija, biex jiġi żgurat id-dritt għall-proprjetà permezz ta' servizz kompletament diġitalizzat fil-prattika sal-2030. F'dan il-kuntest, l-Albanija stabbiliet żewġ għanijiet interim għall-2026 u l-2028, rispettivament, li għandhom jiġu mmonitorjati regolarment, u juru progress inkrementali tanġibbli sat-tieni trimestru tal-2027 f'termini tal-ewwel reġistrazzjoni u l-għoti sussegwenti ta' titoli ta' proprjetà finali. L-ewwel għan jirrigwarda d-diġitalizzazzjoni tal-mapep katastali, filwaqt li t-tieni wieħed jikkonċerna t-tlestija tal-ewwel reġistrazzjoni. F'dan ir-rigward, l-UE tenfasizza wkoll li l-Albanija trid tiżgura l-pubblikazzjoni tal-mapep katastali, f'konformità mal-proċess ta' diġitalizzazzjoni, li s'issa għadu limitat. Hija tenfasizza l-importanza li l-Albanija tiżgura wkoll li, ladarba jiġu ppubblikati l-mapep katastali individwali u l-parti interessata tippreżenta d-dokumenti meħtieġa għar-reġistrazzjoni tal-proprjetà tagħha, l-Aġenzija tal-Katasti tal-Istat, kif definit fil-qafas legali tal-Albanija fis-seħħ, tipproċedi sal-iskadenza stabbilita ta' 45 jum bil-ħruġ taċ-ċertifikat tal-proprjetà finali jew tinforma lill-parti interessata li l-proprjetà msemmija qed tintalab ukoll minn partijiet terzi (kemm jekk statali kif ukoll jekk privati), sabiex il-parti interessata tkun tista' tirrikorri għall-ġustizzja.

L-UE tinnota li l-Aġenzija tal-Katast tal-Istat stabbiliet Pjan għall-Integrità, li jirrifletti l-kontribut tal-partijiet ikkonċernati bil-ħsieb li jittejbu t-trasparenza, l-effiċjenza u l-irfiġh tar-responsabbiltà fl-għoti ta' servizzi mill-2025 'il quddiem, kif previst fil-Pjan Direzzjonali għall-Kapitoli dwar l-Istat tad-Dritt. L-UE tissottolinja wkoll li r-riċeviment ta' kjarifiki perjodiċi u bir-reqqa b'rabta mal-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Integrità jibqa' kruċjali. L-UE tenfasizza li l-"Aġenzija għat-Trattament tal-Proprietà" għandha tiffunzjona wkoll bi trasparenza sħiħa. Hija tappella għall-istabiliment ta' perjodu ta' żmien realistiku għall-eżekuzzjoni ta' kumpensi potenzjali li għandu jitlesta sal-2026, kif previst fil-Pjan Direzzjonali dwar l-Istat tad-Dritt. F'dan ir-rigward, l-UE tappella lill-awtoritajiet Albaniżi biex jittrattaw ukoll il-kwistjoni ta' dokumenti ffalsifikati, kif deskritt fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tkabbir ta' Diċembru 2023. Barra minn hekk, l-UE ttenni li reviżjoni tal-liġijiet dwar l-investiment² f'konformità mal-aħjar prattiki tal-UE tibqa' kwistjoni tal-akbar prijorità li għandha tiġi indirizzata sal-2026, kif previst fl-Aġenda ta' Riforma tal-Pjan ta' Tkabbir. B'mod partikolari, tappella lill-awtoritajiet Albaniżi biex jiżguraw li l-esproprjazzjonijiet f'isem l-"interess pubbliku" ikunu akkumpanjati minn kumpensi ġusti lis-sidien leġittimi. Hija tenfasizza wkoll li proċess ċar ta' klassifikazzjoni tal-proprjetajiet (raba' li jinħadem jew art għall-kostruzzjoni) jgħin biex jiġu evitati klassifikazzjonijiet ħżiena jew kwalunkwe att ta' abbuż.

² Din il-kwistjoni hija eżaminata f'artikolazzjoni mal-Ġabra 3 (Kapitolu 20), il-Ġabra 4 (Kapitolu 27) u l-Ġabra 6 (Kapitolu 30).

L-UE tinnota u thegħeġ il-pjanijiet tal-Albanija li tiproteġi u tippromwovi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu lil **minoranzi**, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tagħha u l-istandards Ewropej, fost l-oħrajn billi tiżgura implimentazzjoni effettiva tal-qafas leġiżlattiv, prinċipalment il-Liġi 96/2017 dwar il-Protezzjoni tal-Minoranzi Nazzjonali u l-leġiżlazzjoni sekondarja tagħha. L-UE tappella lill-Albanija biex tirrispetta l-qafas leġiżlattiv kif ukoll il-leġiżlazzjoni sekondarja fid-dawl ta' kwalunkwe riforma elettorali u amministrattiva. Hija tilqa' tajjeb l-adozzjoni tal-liġijiet amministrattivi ta' implimentazzjoni li fadal rigward l-awtoidentifikazzjoni u drittijiet relatati oħra u l-użu ta' lingwi ta' minoranzi nazzjonali fil-kuntatti tagħhom ma' korpi amministrattivi u awtoritajiet pubbliċi f'Diċembru 2024, kif previst fil-Pjan Direzzjonali dwar l-Istat tad-Dritt. Tenfasizza li l-implimentazzjoni ta' dawn il-liġijiet amministrattivi fit-territorju kollu għandha tkun sħiħa, effettiva u allinjata mal-istandards Ewropej, filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-korpi ta' sorveljanza internazzjonali rilevanti, bl-involvement tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. L-UE tappella lill-awtoritajiet Albaniżi biex jiżguraw li d-dritt għall-awtoidentifikazzjoni ħielsa jitħares fil-prattika f'konformità mal-istandards Ewropej matul l-implimentazzjoni tal-liġijiet amministrattivi msemmija hawn fuq. L-UE tfakkar li kwalunkwe verifika jew talba ulterjuri għal evidenza għandha tibqa' eċċezzjonali. L-UE tinnota wkoll li l-aċċess għall-ħtiġijiet ta' edukazzjoni fil-lingwi minoritarji jeħtieġ li jiġu garantiti taħt il-leġiżlazzjoni attwali mingħajr prerekwiżiti addizzjonali jew interpretazzjoni stretta eċċessiva meta jiġi implimentat il-limitu tal-popolazzjoni minoritarja³. L-UE tinnota wkoll il-ħtieġa li tkompli tissaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali tal-Kumitat tal-Istat dwar il-Minoranzi Nazzjonali u tal-awtoritajiet lokali, u li dawn jingħataw riżorsi fit-tul. Fir-rigward tal-minoranza Rom u Eġizzjana, l-UE tinnota l-pjanijiet tal-Albanija li tissodisfa l-impenji tad-Dikjarazzjoni ta' Poznan fil-qasam tal-edukazzjoni, l-impjiegi, l-akkomodazzjoni u s-saħħa u li ssaħħaħ il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għar-Rom. L-UE tistieden lill-Albanija talloka riżorsi pubbliċi adegwati għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika u ssaħħaħ il-koordinazzjoni f' dan il-qasam. Hija tinnota wkoll li l-Albanija għandha dispożizzjonijiet fis-seħħ li jippermettu lill-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi jippreservaw u jiżviluppaw il-wirt kulturali tagħhom u jrawmu l-għarfien tal-istorja tagħhom.

L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Albanija tiżgura allinjament sħiħ tal-qafas leġiżlattiv tagħha mal-acquis tal-UE mal-adeżjoni biex tiżgura t-tgawdija sħiħa tad-**drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE**.

³ Din il-kwistjoni hija eżaminata f'artikolazzjoni mal-Ġabra 3 (Kapitolu 26).

4. Kapitolu 24: Il-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà

L-UE tinnota li l-Albanija għandha qafas legali u istituzzjonali fis-seħħ biex **tiġġieled kontra l-kriminalità organizzata**. L-UE tilqa' tajjeb ir-reviżjoni mill-Albanija tal-Kodiċi Kriminali, li huwa allinjat mad-dispożizzjonijiet kriminali ta' atti legali ewlenin bħala parti mill-acquis tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, it-terroriżmu u l-ħasil tal-flus. Jeħtieġ li jiġu adottati aktar emendi għal dan il-qafas biex ikun hemm allinjament sħiħ mal-acquis tal-UE, lil hinn mill-emendi reċenti għall-Kodiċi Kriminali. L-UE tkegġegħ lill-Albanija tiżgura l-kriminalizzazzjoni tal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, kif ukoll tal-kriminalità ambjentali. L-UE tissottolinja li l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi tal-Albanija mal-Istati Membri tal-UE, il-Europol, il-Eurojust u s-CEPOL kif ukoll involviment attiv ħafna tagħha fl-EMPACT, qed jagħtu riżultati pożittivi fiż-żarmar tal-gruppi kriminali organizzati. L-UE tinnota li dawn l-isforzi għandhom jissaħħu aktar u tkegġegħ lill-Albanija tkompli tipparteċipa f'miżuri strateġiċi, ikkoordinati mill-Europol. Fl-istess ħin, huma meħtieġa aktar sforzi b'mod urġenti biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' integrità fil-pulizija li għadha vulnerabbli ħafna għall-korruzzjoni. F'dan il-kuntest l-UE tisħaq fuq il-ħtieġa li l-Albanija tieġu passi deċiżivi u sostenibbli biex issaħħaħ l-integrità fil-pulizija, biex tiżgura t-tkomplija tal-investigazzjonijiet bir-reqqa mill-Aġenzija ta' Sorveljanza tal-Pulizija, biex tindirizza l-għadd kbir ta' rotazzjonijiet u biex tiżgura ħatriet, trasferimenti u promozzjonijiet ibbażati fuq il-mertu u trasparenti fi ħdan il-pulizija. L-UE tissottolinja wkoll li huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi kkonsolidat ir-rekord ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet, kundanni finali u qbid u konfiska ta' assi relatati mal-kriminalità serja u organizzata, inkluż il-ħasil tal-flus, u biex jintwera approċċ proattiv u effettiv għall-kooperazzjoni internazzjonali. L-UE tenfasizza li l-Albanija għandha ttipprovdi lill-istituzzjonijiet li jiġġieldu kontra l-kriminalità organizzata aktar appoġġ ta' livell għoli, riżorsi u kapaciċajiet tekniċi u operazzjonali adegwati, u tibni koordinazzjoni interistituzzjonali b'saħħitha. L-UE tinnota wkoll il-progress tal-Albanija fl-iżgurar li l-proċedimenti kriminali jkunu sistematikament akkumpanjati minn investigazzjonijiet finanzjarji mill-bidu nett u tkegġegħ lill-Albanija tiżviluppa l-kapaciċità li tindirizza investigazzjonijiet finanzjarji kumplessi. L-UE tistieden lill-Albanija tkompli tikkonsolida l-progress f'dan il-qasam.

L-UE tinnota wkoll l-isforzi kontinwi tal-Albanija biex iżżid il-qbid u l-konfiska tal-assi, biex tiffriża l-assi relatati ma' attivitajiet kriminali u tippromwovi l-użu mill-ġdid soċjali tagħhom. L-UE tieħu nota pożittiva tal-adozzjoni tal-Liġi dwar l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi (ARO) u l-istabbiliment ta' Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi fi ħdan il-Pulizija tal-Istat tal-Albanija. L-UE tisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati l-identifikazzjoni u t-traċċar effiċjenti tal-assi, li jwasslu għal żieda fil-qbid u l-konfiska tal-assi. L-UE tistenna li l-Albanija tkompli tieħu passi konkreti inkluż dwar il-kapaċitajiet tagħha li tikkoordina l-isforzi tagħha ma' istituzzjonijiet rilevanti oħra, biex tiżgura li l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi jkun kompletament operattiv, b'riżorsi adegwati biex iwettaq il-mandat tiegħu.

L-UE tfakkar li l-Albanija tneħħiet mil-lista tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) ta' ġuriżdizzjonijiet soġġetti għal monitoraġġ miżjud f'Ottubru 2023 wara t-tlestija tal-Pjan ta' Azzjoni tagħha u s-sospensjoni tal-amnestija fiskali u l-programm ta' konformità volontarja mar-regoli tat-taxxa li kienu ppjanati. L-UE tkegġegħ lill-Albanija tiżgura li l-bidliet legali futuri fil-liġi kriminali, inkluż amnestiji potenzjali u programmi ta' konformità volontarja mar-regoli tat-taxxa, ikunu konsistenti mal-pjanijiet tal-pajjiż u jagħmlu avvanzi fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u jkunu f'allinjament mal-acquis rilevanti tal-UE u l-istandards internazzjonali, bħal dawk stabbiliti minn Moneyval u l-FATF⁴.

L-UE tkegġegħ lill-Albanija tadotta l-leġiżlazzjoni u l-miżuri ta' implimentazzjoni kollha meħtieġa fil-qasam taç-**ċiberkriminalità** u taderixxi għat-tieni protokoll addizzjonali tal-Konvenzjoni ta' Budapest biex tiġġieled kontra ç-ċiberkriminalità b'mod effettiv. L-UE tinnota li l-Albanija għandha tiżviluppa rekord solidu fir-rigward tal-prevenzjoni u t-trażżin taç-ċiberkriminalità, b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment ta' rispons tal-infurzar tal-liġi aktar effettiv li jiffoka fuq id-detezzjoni, it-traċċabbiltà u l-prosekuzzjoni taç-ċiberkriminali b'kapaċitajiet u riżorsi investigattivi adegwati fil-qasam taç-ċiberkriminalità, inkluż fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Investigazzjoni (NBI).

⁴ Il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus hija eżaminata f'artikolazzjoni mal-Ġabra 2 (kapitolu 4).

L-UE tinnota l-progress tal-Albanija fil-kriminalizzazzjoni tal-forom kollha tal-**abbuż sesswali tat-tfal** u tistieden lill-Albanija tagħti attenzjoni partikolari lill-protezzjoni u l-prevenzjoni (inkluż il-prevenzjoni tal-vittimizzazzjoni mill-ġdid) tal-abbuż sesswali tat-tfal kemm online kif ukoll offline.

L-UE tinnota li hu disponibbli għadd kbir ta' armi tan-nar fl-Albanija u tistieden lill-Albanija tnaqqas il-pussess illegali u t-**traffikar tal-armi tan-nar**. L-UE tilqa' tajjeb l-adozzjoni mill-Albanija ta' strateġija nazzjonali u pjan ta' azzjoni dwar il-kontroll tal-armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) li huma fil-biċċa l-kbira allinjati mal-għanijiet u l-miri ġenerali tal-Pjan Direzzjonali Reġjonali għal kontroll aħjar tas-SALW fil-Balkani tal-Punent. L-UE tteġġeg lill-Albanija tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom. L-UE tiegħu nota pożittiva wkoll tal-adozzjoni tal-liġi dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu tal-armi tan-nar, li tkompli tallinja mal-acquis tal-UE. L-UE tappella lill-Albanija biex tikkonforma bis-sħiħ ukoll mal-acquis tal-UE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess tal-armi tan-nar. L-UE tinnota wkoll il-pjan tal-Albanija li żżid l-isforzi tagħha għas-sensibilizzazzjoni, il-komunikazzjoni u l-edukazzjoni dwar il-perikli u r-riskji relatati mal-użu ħażin, il-pussess illeċitu, u t-traffikar tal-armi tan-nar/SALW, kif ukoll it-tnaqqis tal-armi tan-nar illeċiti permezz tal-legalizzazzjoni, il-konsenja volontarja u d-diżattivazzjoni.

L-UE tinnota li l-Albanija hija pajjiż ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni tat-**traffikar tal-bnedmin** u jeħtieġ li tkompli ssaħħa il-miżuri tagħha kontra t-traffikar b'enfasi fuq l-impatt sinifikanti fuq in-nisa u l-bniet. L-UE tissottolinja l-importanza ta' aktar riżultati f'dan il-qasam inkluż dwar iż-żieda fl-appoġġ għall-vittmi mill-istrutturi pubbliċi. L-UE tistenna li l-Albanija tallinja l-leġiżlazzjoni tagħha mal-acquis tal-UE dwar it-traffikar tal-bnedmin.

L-UE tinnota li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Albanija għandhom livell tajjeb ta' kooperazzjoni fil-qasam tad-drogi mal-kontropartijiet tagħhom fl-Istati Membri tal-UE, partikolarment f'dak li jikkonċerna l-indirizzar tat-traffikar tad-drogi. L-UE tissottolinja li lil hinn mill-adozzjoni ta' qafas strateġiku formali, ser ikun kruċjali li l-Albanija timplimenta approċċ strateġiku ġenerali għall-ġlieda u l-prevenzjoni effettivi u konsistenti kontra l-kultivazzjoni, il-produzzjoni u t-traffikar illeċiti tad-drogi. L-UE tirrikonoxxi l-pjan tal-Albanija li ssaħħaħ u toperazzjonalizza l-qafas istituzzjonali tagħha u tiegħu nota pożittiva tal-istabbiliment ta' Osservatorju Nazzjonali dwar id-Drogi (NDO) u Sistema Nazzjonali ta' Twissija Bikrija (STB) fuq l-iskambju ta' informazzjoni dwar sustanzi psikoattivi ġodda. L-UE tappella lill-Albanija biex tiżgura l-funzjonament u l-prestazzjoni tas-sistema nazzjonali tagħha ta' twissija bikrija inkluż billi żżid il-kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA). L-UE tissottolinja l-ħtieġa li l-Albanija tiżviluppa rekord solidu ta' qbid u qerda ta' drogi, u ta' konfiska tal-assi korrispondenti.

L-UE tinnota li l-Albanija għandha qafas strateġiku u legali biex **tiġġieled kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti**, fil-biċċa l-kbira tiegħu f'konformità mal-acquis tal-UE, għalkemm għad hemm bżonn ta' xi emendi oħra sabiex jintlaħaq allinjament sħiħ. L-UE tinnota wkoll li l-qafas strateġiku u legali jeħtieġ li jiġi implimentat b'mod effettiv fil-prattika. L-UE tħeġġeġ ukoll lill-Albanija timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni Konġunt il-ġdid dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu u l-Estremiżmu Vjolenti u l-Ġlieda Kontrihom għall-Balkani tal-Punent iffirmit f'Ottubru 2025, li jibda bl-adozzjoni ta' pjan direzzjonali nazzjonali. L-UE tinnota l-pjan tal-Albanija li tipprovdi riżorsi adegwati biex tiġġieled it-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, ittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji u dik internazzjonali, u ssaħħaħ il-ġestjoni ta' każijiet u l-mekkaniżmi ta' riferiment għal individwi radikalizzati u trasgressuri terroristi. L-UE tinnota l-isforzi għall-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti u b'mod partikolari l-ħidma li saret miċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni għall-Ġlieda Kontra l-Estremiżmu Vjolenti. L-UE tinnota li r-radikalizzazzjoni fil-ħabs u t-tixrid ta' kontenut terroristiku online għandhom jeħtieġu attenzjoni. L-UE tinnota li l-kooperazzjoni reġjonali u l-iskambju ta' informazzjoni sensittiva mal-Europol u mal-Istati Membri huma sodisfaċenti u li għandhom ikomplu l-isforzi. L-UE tissottolinja li hija meħtieġa aktar ħidma biex jiġu indirizzati l-finanzjament tat-terroriżmu u l-ħasil tal-flus, b'mod partikolari billi tittejjeb l-effettività tal-investigazzjonijiet dwar il-finanzjament tat-terroriżmu. L-UE tiegħu nota pożittiva tal-adozzjoni ta' liġi ġdida dwar l-informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri (API) u r-reġistri tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kapaċità għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-reati kriminali serji li jkollhom rabta mal-ivvjaġġar bl-ajru.

L-UE tissottolinja l-importanza li l-Albanija tiżgura l-protezzjoni tal-**infrastruttura kritika** billi tallinja l-qafas legali tagħha dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi mal-acquis tal-UE, tidentifika infrastrutturi kritiċi ewlenin u tfassal kriterji għall-ġestjoni tagħhom, inkluż l-analiżi tar-riskju.

L-UE tinnota li l-Albanija għandha l-prinċipji bażiċi tal-**kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, ċivili u kummerċjali** minquxa fil-leġiżlazzjoni tagħha, iżda li huwa meħtieġ aktar allinjament mal-acquis tal-UE. L-UE tinnota l-pjan tal-Albanija li tirratifika l-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti li fadal fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja. L-UE tinnota li l-Albanija rratifikat il-Konvenzjoni ta' The Hague dwar ir-Rikonossiment u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi Barranin f'Materji Ċivili jew Kummerċjali (2019) fi Frar 2025. L-UE tistieden ukoll lill-Albanija biex iżżid il-kapaċità amministrattiva tagħha biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-UE dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, ċivili u kummerċjali.

Dwar il-**migrazzjoni**, l-UE tilqa' tajjeb il-fatt li l-Albanija adottat u qed timplimenta Strateġija Nazzjonali komprensiva għall-Migrazzjoni (2024-2030) u l-pjan ta' azzjoni relatat tagħha u (2024-2026), allinjati mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Balkani tal-Punent ippreżentat mill-Kummissjoni f'Diċembru 2022. L-UE tilqa' tajjeb l-adozzjoni mill-Albanija ta' pjan ta' kontinġenza nazzjonali, li ttejjja f'konformità mal-metodoloġija tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), b'baġit adegwat għall-implimentazzjoni tiegħu f'każ ta' għadd sostanzjali ta' wasliet ta' migranti u applikanti għall-protezzjoni internazzjonali. L-UE tinnota wkoll il-pjan tal-Albanija li tadotta l-emendi meħtieġa fil-qasam tal-migrazzjoni legali biex tallinja ma' ċerti dispożizzjonijiet dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja, mal-permess uniku, u mal-bidliet reċenti dwar il-Karta Blu tal-UE. L-UE tistieden lill-Albanija tallinja ruħha mal-acquis tal-UE biex tkompli ssaħħaħ il-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari. L-UE tiegħu nota tal-impenn tal-Albanija fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, b'mod partikolari fi ħdan l-Alleanza Globali għall-Ġlieda Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, u tissottolinja li l-Albanija għandha tkompli bl-isforzi li qed tagħmel fil-livelli kollha biex iżżarma l-gruppi kriminali organizzati involuti fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti. Bħala parti mill-iżvilupp tal-migrazzjoni tal-ħaddiema fl-Albanija, l-UE tistieden lill-Albanija tiżviluppa kooperazzjoni fir-riammissjoni ma' pajjiżi terzi u tistenna li l-Albanija ssaħħaħ l-ispezzjoni tax-xogħol biex tipprevjeni x-xogħol furzat u l-movimenti suċċessivi irregolari lejn l-UE.

L-UE tissottolinja li l-kooperazzjoni tal-Albanija mal-Istati Membri u mal-Frontex dwar ir-riammissjoni u l-operazzjonijiet ta' ritorn hija tajba ħafna. L-UE tistieden lill-Albanija tiżgura kapaċitajiet ta' akkoljenza adegwati b'mod partikolari għal minorenni mhux akkumpanjati, u tapplika proċeduri ta' ritorn f'konformità mal-liġi riveduta dwar il-barranin u f'konformità mal-acquis tal-UE. L-UE tistieden ukoll lill-Albanija tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni fuq ir-ritorni u r-riammissjoni mal-pajjiżi ta' oriġini, inkluż permezz ta' impenn tekniku u ta' livell għoli sostnut, kif ukoll l-iżvilupp ta' kooperazzjoni Prattika fuq ir-riammissjoni.

L-UE tinnota l-kooperazzjoni mal-EUAA fuq it-tiżiħ tas-sistema nazzjonali tal-**ażil** u l-akkoljenza permezz tal-implimentazzjoni kontinwa tat-tieni fażi tal-pjan direzzjonali ta' kooperazzjoni approvat f'Ottubru 2024. L-UE tistieden lill-Albanija tagħmel implimentazzjoni ta' kwalità tal-liġi dwar l-ażil u tiżviluppa l-kapaċitajiet amministrattivi addizzjonali meħtieġa, filwaqt li tiżgura aktar allinjament mal-acquis. L-UE tistieden ukoll lill-Albanija biex tagħmel riferimenti sistematiki għall-proċedura tal-ażil, u żżid l-għadd u l-kwalità tad-deċiżjonijiet fil-każijiet ta' ażil. L-UE tinnota wkoll inkarigu temporanju ta' faċilità ta' akkoljenza għal minorenni mhux akkumpanjati ma' organizzazzjoni mhux governattiva u tfakkar fil-pjan tal-Albanija li tittratta lil dawk li jfittxu l-ażil permezz ta' appoġġ u servizzi diretti tal-gvern. L-UE tappella lill-Albanija biex tistabbilixxi soluzzjoni permanenti għall-akkoljenza u l-akkomodazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati f'konformità mal-istandards tal-UE. L-UE tinnota li l-kwistjoni ta' ċittadini Albaniżi li jressqu applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi fl-Istati Membri tal-UE għadha teħtieġ sforzi kontinwi u sostnuti.

L-UE tinnota li l-politika tal-Albanija dwar il-viżi għadha mhijiex allinjata għalkollox mal-lista tal-UE ta' pajjiżi terzi li jeħtieġu viża. L-UE tfakkar li t-tneħħija temporanja tar-rekwiżiti tal-viża mhijiex konformi mal-acquis tal-UE. L-UE tinnota xi progress mill-Albanija lejn l-allinjament tal-politika dwar il-viżi u tilqa' tajjeb l-adozzjoni ta' pjan direzzjonali għal allinjament sħiħ, kif ukoll tissottolinja l-ħtieġa li l-Albanija tiżgura l-implimentazzjoni f'waqtha ta' dan il-pjan direzzjonali billi allinjament sħiħ tal-politika dwar il-viżi huwa rekwiżit għall-adeżjoni mal-UE. L-UE tinnota wkoll li s-sistemi ta' informazzjoni tal-Albanija ser jeħtieġu adattamenti tekniċi addizzjonali biex jikkonformaw mas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS).

Rigward **Schengen u l-Fruntieri Esterni**, l-UE tieħu nota tat-tkomplija tal-kooperazzjoni operazzjonali tajba mal-Frontex fuq is-sorveljanza tal-fruntieri u l-indirizzar tal-kriminalità transfruntiera permezz tal-Operazzjoni Konġunta skjerata mill-2019 u l-implimentazzjoni kontinwa tal-Ftehim aġġornat dwar l-Istatus tal-Frontex ta' Ġunju 2024. L-UE tfakkar li parti mill-acquis ta' Schengen ser tapplika biss fl-Albanija wara deċiżjoni tal-Kunsill li jneħħi l-kontrolli fil-fruntieri interni, wara t-tlestija tal-evalwazzjoni applikabbli ta' Schengen tal-istat ta' tnejn tal-Albanija. L-UE tistenna li l-Albanija tallinja l-leġiżlazzjoni tagħha mal-acquis ta' Schengen u tieħu l-passi meħtieġa bil-ħsieb li timplimenta l-acquis ta' Schengen mal-adeżjoni jew, fejn rilevanti, mal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni sħiħa tal-acquis ta' Schengen. Dan jinkludi l-konnessjoni mas-sistemi rilevanti jew l-istabbiliment tagħhom, b'mod partikolari s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), il-VIS, is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), u l-Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati (RTP). L-UE tistieden lill-Albanija tkompli l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali Integrata għall-Ġestjoni tal-Fruntieri (2021–2027) u tilqa' tajjeb l-adozzjoni tal-Liġi riveduta dwar il-Kontroll tal-Fruntieri tal-Istat. L-UE tinnota ż-żieda kontinwa fil-persunal tal-Pulizija tal-Fruntieri mill-2020 u tissottolinja l-ħtieġa li jinżammu livelli adegwati ta' persunal u kapaċitajiet operazzjonali. L-UE tinnota f'dan il-kuntest il-pjan tal-Albanija li tindirizza r-rata għolja ta' bidliet fl-uffiċjali fil-fruntiera. L-UE tilqa' tajjeb l-adozzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni ta' Schengen f'Jannar 2026 f'konformità mal-gwida mogħtija mill-Kummissjoni, u tistieden lill-Albanija timplimentah, permezz ta' bidliet legali u billi tinvesti fl-infrastruttura, it-tagħmir, il-persunal u t-taħriġ meħtieġa.

Rigward il-falsifikazzjoni tal-euro, l-UE tinnota l-pjan tal-Albanija li twettaq aktar skambji ta' informazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, il-Europol u l-Bank Ċentrali Ewropew, skont il-ftehimiet ta' kooperazzjoni rispettivi dwar il-ħarsien tal-munita tal-euro kontra l-falsifikazzjoni.

5. Kriterji ekonomiċi

L-UE tilqa' tajjeb li l-Albanija tinsab fit-triq it-tajba biex issir **ekonomija tas-suq li tiffunzjona**. L-UE tissottolinja l-kunsens domestiku wiesa' kontinwu dwar l-elementi fundamentali tal-politika ekonomika inkluż rwol limitat tal-istat fl-ekonomija u impenn politiku għal-liberalizzazzjoni tas-suq. L-UE tirrikonoxxi l-progress matul dawn l-aħħar snin, filwaqt li tinnota li sigurtà legali dgħajfa, livell għoli ta' attività ekonomika informali, livell baxx ta' żvilupp tas-settur finanzjarju, diffikultajiet fl-infurzar tad-dritt kuntrattwali, tad-drittijiet tal-proprjetà, ir-reġistrazzjoni tat-titoli, nuqqasijiet fit-trasparenza u l-irfiġħ tar-responsabbiltà tal-intrapriżi tal-istat u lakuni usa' fir-riforma strutturali fil-governanza, kif ukoll tħassib relatat mal-korruzzjoni, ikomplu jillimitaw il-funzjonament effettiv tal-ekonomija tas-suq, li jirriżulta f'konverġenza bil-mod u tkabbir inqas minn dak potenzjali. Dawn il-kwistjonijiet jeħtieġ li jiġu indirizzati aktar. L-UE tissottolinja li l-ambjent tan-negozju jeħtieġ jittejjeb aktar permezz ta' kundizzjonijiet ekwi bejn l-operaturi domestiċi u barranin sabiex l-Albanija ssir destinazzjoni ta' investment aktar attraenti. L-UE tilqa' tajjeb l-adozzjoni tal-Istrateġija dwar id-Dħul fuq Terminu Medju, minħabba livelli baxxi ta' mobilizzazzjoni tad-dħul, u thegħgeġ l-implimentazzjoni tagħha biex jiżdied il-livell ta' mobilizzazzjoni tad-dħul. L-UE tenfasizza li jeħtieġ li l-Albanija ssaħħaħ l-operazzjonalizzazzjoni tal-qafas tal-ġestjoni tal-investment pubbliku. L-UE tistieden lill-Albanija tindirizza b'mod sistematiku u bir-reqqa kemm ir-rakkomandazzjonijiet ta' politika tal-UE li jinsabu fil-pakketti suċċessivi tat-tkabbir kif ukoll il-gwida politika maqbula b'mod konġunt fil-kuntest tal-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju bejn l-UE u s-Sħab Reġjonali kif ukoll l-impjenji meħuda bħala parti mill-aġenda ta' riforma tal-Pjan ta' Tkabbir għall-Balkani tal-Punent. L-UE tenfasizza li implimentazzjoni bir-reqqa u komprensiva ta' riformi bħal dawn ser jappoġġaw lill-Albanija biex tissodisfa l-kriterji ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona u biex tiżgura li n-negozji jkunu jistgħu joperaw f'ambjent prevedibbli ggwidat mill-istat tad-dritt u kundizzjonijiet ekwi fost il-kompetituri. Jeħtieġ li l-Albanija tindirizza wkoll id-disturbi li għadhom jeżistu fis-setturi tal-proprjetà immobbli u tal-industrija tal-bini minħabba l-korruzzjoni, it-titoli mhux kompluti tad-drittijiet tal-proprjetà, id-dgħufijiet fil-qafas legali u t-tranżazzjonijiet mhux finanzjarji.

L-UE tinnota li l-Albanija qed tavvanza fil-**kapaċità tagħha li tlaħħaq mal-perssjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq** ġewwa l-Unjoni. Minkejja li għad fadal diskrepanzi sinifikanti mal-livell reġjonali u dak Ewropew, l-UE tissottolinja li l-infrastruttura tal-enerġija u tat-trasport tal-Albanija, u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija tjiebu ħafna. L-UE tinnota wkoll li jeħtieġ li jkompli fl-livell għoli l-investiment fl-oqsma kollha tal-infrastruttura fiżika, ikkomplementat minn titjib fil-ġestjoni tal-investiment pubbliku u l-akkwist pubbliku, inkluż billi jiġi żgurat fil-prattika premju ġust u kompetittiv, riformi fil-governanza, inkluż kontra l-korruzzjoni, u reżiljenza ċibernetika msaħħa. L-UE tistieden lill-Albanija ttejjeb il-kompetittività tagħha, li bħalissa hija mxekkla minn nuqqas ta' għarfien espert intraprenditorjali u teknoloġiku, ħtiġijiet ta' investiment mhux issodisfati fl-iżvilupp tal-bniedem, u nfiq persistentement baxx fuq ir-riċerka u l-iżvilupp, permezz ta' kwalità u livelli ogħla ta' eżiti tal-edukazzjoni inkluż fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (VET), u inċentivi biex isir investiment fir-riċerka u l-edukazzjoni għolja. L-UE tistieden ukoll lill-Albanija biex iżżid il-kopertura u l-adegwatezza tal-protezzjoni soċjali u l-assigurazzjoni tas-saħħa biex tnaqqas is-sehem tal-popolazzjoni friskju ta' faqar biex tippermetti żvilupp ekonomiku inklużiv u soċjalment ibbilanċjat.

* * *

Fid-dawl tal-istat tat-tnejjijiet tal-Albanija, l-UE tinnota, bil-fehim li l-Albanija għandha tkompli tagħmel progress fl-allinjament mal-acquis tal-UE u mal-istandards Ewropej rilevanti koperti mill-Ġabra 1 - Elementi Fundamentali u fl-implimentazzjoni tagħhom, u l-prijoritajiet identifikati fir-rapporti annwali tal-Kummissjoni Ewropea u fid-djalogu politiku bejn l-UE u l-Albanija, u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kundizzjoni addizzjonali stabbilita fil-parametri referenzjarji ulterjuri definiti għall-Ġabra 1, il-kapitoli u din il-Ġabra jistgħu jingħalqu proviżorjament biss ladarba l-UE taqbel li jkunu ntlaħqu l-parametri referenzjarji għall-għeluq li ġejjin:

Fuq livell orizzontali, għall-Ġabra 1, l-Albanija tiżgura implimentazzjoni sostnuta u monitoraġġ pubblikament aċċessibbli tal-Pjanijiet Direzzjonali tagħha, permezz ta' mekkaniżmu robust u multidixxiplinari, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari lill-adegwatezza tar-riżorsi umani u finanzjarji, il-kapaċità istituzzjonali, ir-rispett tal-iskadenzi ffissati, u djalogu bir-reqqa u inklużiv mal-partijiet ikkonċernati kollha; speċifikament b'rabta ma':

- il-Pjan Direzzjonali dwar l-Istat tad-Dritt, inkluż billi tindirizza l-parametri referenzjarji skont il-Kapitoli 23 u 24;
- il-Pjan Direzzjonali dwar il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi, billi tiżgura li jkun hemm fis-seħħ istituzzjonijiet u proċessi demokratiċi stabbli u kkonsolidati, inkluż it-tweqqif tal-elezzjonijiet, f'konformità sħiħa mar-rakkomandazzjonijiet tal-OSKE/ODIHR, billi tiżgura l-irfiġh tar-responsabbiltà u l-effettività inkluż is-sorveljanza u funzjonijiet oħra tal-Assemblea tagħha u billi tkompli ssaħħaħ l-ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili fil-livelli kollha tal-gvern;
- il-Pjan Direzzjonali dwar ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, billi turi progress konsistenti u verifikabbli fl-oqsma kollha tal-qafas strateġiku għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, billi tiżgura li jkun organizzat b'mod effiċjenti u effettiv fil-livelli kollha tal-gvern inkluż l-iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-politika, il-ġestjoni tas-servizzi pubbliċi u tar-riżorsi umani, mekkaniżmi interni u esterni ta' rfiġh tar-responsabbiltà definiti b'mod ċar fil-livelli kollha tal-gvern u f'konformità ma' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet, l-għoti ta' servizzi, u l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi.

Kapitolu 23 – Il-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali

L-Albanija tkompli timplimenta r-riforma komprensiva tagħha tal-ġustizzja, li tibni fuq il-kisbiet sabiex tiżgura bis-sħiħ l-imparzjalità, l-indipendenza, l-irfigħ tar-responsabbiltà, il-professjonaliżmu, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja. B'mod partikolari, l-Albanija ser tissodisfa dan il-parametru referenzjarju ta' għeluq ladarba:

- Tiżgura l-implimentazzjoni kontinwa tar-riforma tal-ġustizzja f'konformità mal-acquis rilevanti tal-UE u l-istandards Ewropej, biex jiġu ggarantiti **l-indipendenza, l-imparzjalità, l-integrità u l-effiċjenza** tal-ġudikatura, inkluż permezz tal-applikazzjoni konsistenti tal-prinċipji tal-integrità, il-mertu u t-trasparenza tal-korpi awtonomi tal-ġudikatura, inkluż fil-ħatra tal-membri tagħhom;
- Issaħħaħ **l-irfigħ tar-responsabbiltà u l-integrità** fis-sistema ġudizzjarja fil-livelli kollha permezz tal-applikazzjoni sistematika u konsistenti ta' ħatriet, trasferimenti u promozzjonijiet ibbażati fuq il-mertu u trasparenti ta' mħallfin u prosekuturi kif ukoll il-kapaċità adegwata tal-Ispettur Għoli tal-Ġustizzja, il-Kunsill Ġudizzjarju Għoli u l-Kunsill Għoli ta' Prosekuzzjoni, partikolarment biex iwettqu evalwazzjonijiet f'waqthom, kif ukoll verifika sistematika u bir-reqqa tad-dikjarazzjonijiet tal-assi, f'konformità sħiħa mal-ogħla standards stabbiliti bl-iskrutinju; u billi tkompli tiżgura u ssaħħaħ ir-reżiljenza sistemika tas-sistema ġudizzjarja għal tentattivi ta' interferenza u influwenza interni u esterni indebiti, billi timplimenta u ssaħħaħ aktar b'mod effettiv il-mekkaniżmi eżistenti biex tindirizza każijiet bħal dawn, minkejja l-ħtieġa li l-Albanija tiżgura li r-rappreżentanti tal-fergħat eżekuttivi u leġiżlattivi tagħha jżommu lura minn interferenza indebita fl-istituzzjonijiet tal-ġustizzja biex jimplimentaw deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali, u biex japplikaw standards Ewropej, b'mod partikolari dawk stabbiliti mill-Kummissjoni ta' Venezja rigward deċiżjonijiet dwar l-immunità;

- Tiżgura l-**kwalità** sostnuta tal-ġudikatura, inkluż billi tkompli tnaqqas il-ħidma b'lura tal-evalwazzjoni billi tilħaq tliet kwarti tal-projezzjonijiet tal-ippjanar annwali fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi b'elementi kwalitattivi u kwantitattivi, appoġġati minn statistika konsolidata, filwaqt li tiżgura l-pubblikazzjoni f'waqtha ta' deċiżjonijiet motivati u żżomm biżżejjed riżorsi biex topera Skola tal-Maġistrati msaħħa f'konformità mal-istandards tal-UE u Ewropej, b'mod partikolari f'termini ta' integrità u kwalità tar-reklutaġġ tal-persunal, għażla tal-kandidati u tat-taħriġ ipprovdut;
- Tiżgura l-**effiċjenza** u l-prestazzjoni tal-Qrati u tal-uffiċċji tal-prosekuzzjoni billi timla madwar 75 % tal-karigi ġudizzjarji battala, tkompli tnaqqas iż-żminijiet ta' disponiment u tnaqqas il-kawżi pendenti, b'mod partikolari billi żżid ir-riżorsi umani u finanzjarji biex ittejjeb b'mod sinifikanti l-kwalità tal-infrastrutturi tal-qrati u s-sigurtà tal-individwi u tiżgura għadd adegwat ta' maġistrati u konsulenti legali, allinjat mal-medja tal-UE, tistabbilixxi u tuża b'mod konsistenti **sistema integrata ta' ġestjoni tal-kawżi** li tiffunzjona tajjeb, u tiżgura użu usa' u aktar xieraq ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim.

L-Albanija timplimenta sistemi robusti u effettivi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, inkluż il-korruzzjoni f'livell għoli. B'mod partikolari, l-Albanija ser tissodisfa dan il-parametru referenzjarju ta' għeluq ladarba:

- Tkompli ssaħħaħ u tiżgura **kapaċitajiet operazzjonali** adegwati, ittejjeb l-infrastruttura u żżid ir-riżorsi umani u finanzjarji tal-korpi speċjalizzati kontra l-korruzzjoni u tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji ordinarji għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni b'mod partikolari għal każijiet kumplessi, inkluż investigazzjonijiet finanzjarji.

- Turi **rekord** solidu u sostnut ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet, u kundanni finali f'każijiet ta' korruzzjoni fil-livelli kollha, b'mod partikolari f'livell għoli, billi żżomm qafas legali li jappoġġa b'mod effettiv il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u billi tiżgura l-kooperazzjoni sħiħa tal-awtoritajiet pubbliċi.
- Tistabilixxi rekord solidu fil-qbid u l-konfiska tal-assi, inkluż prattika kredibbli u konsistenti tat-tnedija ta' investigazzjonijiet finanzjarji paralleli meta jiġu ttrattati każijiet ta' korruzzjoni, inkluż il-korruzzjoni ta' livell għoli.
- Issaħħaħ **qafas robust għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni**, inkluż billi timplimenta u timmonitorja b'mod effettiv l-istrateġija pluriennali li għadha kif ġiet adottata fis-setturi l-aktar vulnerabbli, il-miżuri leġiżlattivi kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet pendenti kollha tal-GRECO/ODIHR. Tkompli ssaħħaħ l-effettività tal-verifiki tad-dikjarazzjonijiet tal-assi, u tibni rekord solidu u sostnut ta' investigazzjonijiet amministrattivi proattivi u sanzjonijiet deterrenti, inkluż l-iżgurar ta' rekord sostnut ta' riferimenti proattivi u ta' kwalità għall-prosekuzzjoni minn istituzzjonijiet tal-istat u aġenziji tal-infurzar tal-liġi rilevanti, b'mod partikolari għal SPAK, u turi segwitu diliġenti mill-awtoritajiet rilevanti.

L-Albanija tħares id-drittijiet fundamentali kemm fil-liġi kif ukoll fil-prattika u hija mħejjija bis-sħiħ biex timplimenta l-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali u acquis rilevanti tal-UE u standards internazzjonali u Ewropej rilevanti oħra. B'mod partikolari, l-Albanija ser tissodisfa dan il-parametru referenzjarju ta' għeluq ladarba:

- Tiżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tad-drittijiet tal-bniedem billi żżid il-kapaċità tal-korpi indipendenti tad-drittijiet fundamentali, l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali stipulati fil-**Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**, il-protokolli tagħha, u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Tikseb implimentazzjoni sodisfaċenti tar-rakkomandazzjonijiet tal-korpi internazzjonali ta' monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem, fosthom il-**Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament u Pieni Inumani jew Degradanti**.

- Tiżgura aktar protezzjoni tal-**libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-media**, billi tadotta u timplimenta b'mod effettiv u konkret riforma komprensiva, inkluż tal-qafas leġiżlattiv u regolatorju, tallinja bis-siġh mal-acquis tal-UE, l-istandards Ewropej, l-aħjar prattiki u rakkomandazzjonijiet, inkluż fir-rigward tal-indipendenza tar-regolatur u tal-media, it-trasparenza tas-sjieda u l-finanzjament, kif ukoll is-sikurezza tal-ġurnalisti, inkluż it-tħassir siġh tad-dispożizzjonijiet kriminali dwar il-malafama u l-allinjament siġh tal-aspetti ċivili tal-malafama mal-istandards Ewropej.
- kapaċitajiet istituzzjonali msaħħa aktar tal-Kummissarju għall-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni, f'konformità mal-acquis tal-UE, u mal-istandards internazzjonali u Ewropej. Timplimenta leġiżlazzjoni allinjata mal-acquis tal-UE, inkluż leġiżlazzjoni tal-UE li tistabbilixxi standards għall-korpi tal-ugwaljanza, kif ukoll standards Ewropej dwar **in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri** u li jiġġieldu kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u dik sesswali. Tkompli tirrispetta, tiproteġi u tissodisfa t-tgawdija siġha u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem kollha mill-persuni LGBTI. Issostni mekkaniżmi effettivi għar-rimedju u l-assistenza lill-vittmi tal-vjolenza żgurati fil-biċċa l-kbira tagħhom permezz ta' finanzjament pubbliku inkluż l-ippjanar baġitarju fuq perjodu medju.
- Issaħħaħ is-sistema tal-**protezzjoni tat-tfal**, bl-aħjar interess tat-tfal bħala l-prinċipju gwida, inkluż fir-rigward ta' tfal imċaħħda mill-kura tal-ġenituri jew b'diżabilità, b'mod partikolari l-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni dwar l-akkoljenza f'familja alternattiva, inkluż billi tiġi żgurata l-armonizzazzjoni tagħha mal-leġiżlazzjoni eżistenti, bil-ħsieb li titlesta d-deistituzzjonalizzazzjoni. Iżżid l-isforzi biex jiġu żgurati d-drittijiet tal-**persuni b'diżabilità**, inkluż fir-rigward tal-progress sinifikanti lejn id-deistituzzjonalizzazzjoni tal-persuni b'diżabilità u l-aċċessibbiltà. Tiżgura s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzjament u l-kapaċità istituzzjonali fl-oqsma tal-protezzjoni tat-tfal u tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità.

- Tiżgura li jkun hemm fis-seħħ sistema effiċjenti u trasparenti ta' reġistrazzjoni tal-proprjetà u ta' ġestjoni integrata li tiggarrantixxi l-ħruġ f'waqtu ta' titoli ta' proprjetà ċari u siguri. Id-data katastali kollha, inkluż it-titoli tas-sjieda u l-mapep katastali, tiġi diġitalizzata u aġġornata bir-reqqa biex titneħħa b'mod sistematiku data li tikkoinċidi jew mhux preċiża filwaqt li l-ewwel proċess ta' reġistrazzjoni jitlesta skont l-impenji rilevanti tal-Albanija kif meħuda fil-Pjan Direzzjonali tal-Istat tad-Dritt u huwa soġġett għal monitoraġġ regolari. Tkompli tnaqqas il-ħidma b'lura tal-Qorti fuq każijiet ta' proprjetà u tinforza b'mod effettiv u f'waqtu d-deċiżjonijiet kollha tal-qorti mill-awtoritajiet rilevanti kollha, b'mod partikolari s-sentenzi finali tal-qrati, filwaqt li tirrikonoxxi d-dritt tas-sid preċedenti għall-proprjetà, u b'hekk ittemm sitwazzjonijiet twal ta' nuqqas ta' infurzar. Dan japplika wkoll għas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, f'dan il-qasam; Tiżgura li l-proċess dovut jiġi rrispettat bis-sħiħ f'każijiet ta' esproprijazzjoni u tneħħija ta' proprjetajiet.
- Tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tal-Minoranzi Nazzjonali u l-leġiżlazzjoni sekondarja kollha tagħha, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tagħha u l-istandards Ewropej, inkluż billi ssaħħaħ il-kapaċità u r-riżorsi biex jiġu protetti d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali, b'mod partikolari tal-Kumitat dwar il-Minoranzi Nazzjonali;
- Tiżgura l-allinjament sħiħ tal-qafas leġiżlattiv tagħha mal-acquis tal-UE dwar id-**drittijiet taċ-ċittadinanza**, fost l-oħrajn billi tħassar il-bażi legali li tippermetti l-iżvilupp ta' skema ta' ċittadinanza b'investiment f'konformità mal-ġurisprudenza rilevanti tal-QĠUE.

Kapitolu 24 - Ġustizzja, libertà u sigurtà

L-Albanija timplimenta sistema robusta u effettiva għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata. B'mod partikolari, l-Albanija ser tissodisfa dan il-parametru referenzjarju ta' għeluq ladarba:

- Tallinja l-qafas legali tagħha mal-acquis tal-UE, mal-istandards Ewropej u internazzjonali dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, inkluż dwar il-kriminalizzazzjoni tal-ħasil tal-flus u tkompli timplimenta qafas strateġiku solidu f'dawn l-oqsma f'konformità mal-istandards tal-UE;
- Tistabbilixxi rekord solidu ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet, u kundanni finali fl-oqsma kollha tal-kriminalità serja u organizzata (inkluż it-traffikar tal-bnedmin, l-armi tan-nar, id-drogi, l-abbuż sesswali tat-tfal, iċ-ċiberkriminalità u l-ħasil tal-flus, inkluż bħala reat awtonomu),— evidenzjat minn statistika reċenti u dettaljata;
- Turi approċċ proattiv u effettiv għall-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, fuq livell domestiku u internazzjonali abbażi ta' metodoloġija ta' investigazzjoni mtejbja biex jiġu indirizzati każijiet kriminali kumplessi u jiġu implimentati aktar miżuri, filwaqt li tiġi żgurata l-integrità, inkluż permezz ta' investigazzjonijiet kontinwi u bir-reqqa mill-Aġenzija għas-Sorveljanza tal-Pulizija, ħatriet ibbażati fuq il-mertu u trasparenti, kif ukoll l-iżvilupp tal-karriera fi ħdan l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, b'mod partikolari l-pulizija.
- Tistabbilixxi rekord solidu fis-sekwestru u l-konfiska finali tal-assi – evidenzjat bi statistika reċenti u dettaljata – inkluż permezz ta' sistema interistituzzjonali kompletament funzjonali mibnija madwar l-uffiċċju għall-irkupru tal-assi għat-traċċar, l-identifikazzjoni, l-iffriżar, il-ġestjoni u l-konfiska tal-assi, f'konformità mal-acquis tal-UE, u b'riżorsi umani u finanzjarji adegwati;
- Tkompli turi prattika kredibbli u konsistenti ta' tnedija sistematika ta' investigazzjonijiet finanzjarji – evidenzjati minn statistika reċenti u dettaljata — meta tindirizza l-kriminalità serja u organizzata, b'mod partikolari l-ħasil tal-flus.

- Timplimenta b'mod adegwat approċċ komprensiv, sensitiv għall-perspettiva tal-ġeneru u bil-vittmi fil-qalba tiegħu għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin billi toħloq qafas legali, istituzzjonali u operazzjonali f'konformità mal-acquis tal-UE, u tistabilixxi rekord solidu ta' żarmar proattiv tan-networks tat-traffikar tal-bnedmin b'enfasi fuq in-nisa u l-bniet, u timplimenta bis-sħiħ il-Mekkaniżmu Nazzjonali ta' Riferiment ibbażat fuq kapaċitajiet imtejba biex jiġu identifikati u pprovduti akkomodazzjoni, protezzjoni, assistenza u appoġġ lill-vittmi u lill-vittmi potenzjali.

L-Albanija turi riżultati sostnuti u sostanzjali fil-kooperazzjoni fil-qasam tad-drogi. B'mod partikolari, l-Albanija ser tissodisfa dan il-parametru referenzjarju ta' għeluq ladarba:

- Tallinja l-qafas legali u ta' politika tagħha dwar id-drogi mal-acquis tal-UE, inkluż dispożizzjonijiet biex tagħgorna regolarment il-lista ta' sustanzi psikoattivi u prekursori tad-droga ġodda, u timplimenta b'mod effettiv l-obbligi internazzjonali tagħha.
- Tadotta u timplimenta Strateġija Nazzjonali dwar id-Drogi, filwaqt li tiżgura l-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tas-Sistema Nazzjonali ta' Twissija Bikrija u l-Osservatorju Nazzjonali dwar id-Drogi abbażi ta' network integrat u istituzzjonalizzat ta' sħab domestiċi u internazzjonali.
- Tistabilixxi rekord solidu ta' sekwestri u qerda ta' drogi u konfiska ta' assi korrispondenti - evidenzjat minn statistika reċenti u dettaljata – u tinforza bil-qawwa s-salvagwardji biex tiġi evitata d-devjazzjoni ta' prodotti meta tiġi implimentata l-kultivazzjoni legali tal-kannabis.

L-Albanija timplimenta sistema robusta u effettiva għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti u għall-prevenzjoni tagħhom, u għall-protezzjoni tal-infrastrutturi kritiċi. B'mod partikolari, l-Albanija ser tissodisfa dan il-parametru referenzjarju ta' għeluq ladarba:

- Tiżgura li l-oqfsa legali u ta' politika tagħha dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti kemm online kif ukoll offline u dwar il-protezzjoni ta' infrastrutturi u entitajiet kritiċi jkunu konformi mal-acquis tal-UE u jkunu gwidati mill-prinċipji ta' antiċipazzjoni, prevenzjoni, protezzjoni, u rispons.
- Tadotta pjan direzzjonali nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu u l-Estremiżmu Vjolenti għall-Balkani tal-Punent u tiżgura l-implimentazzjoni kontinwa tiegħu

L-Albanija tagħti riżultati sostnuti u sostanzjali fl-oqsma tal-migrazzjoni legali u irregolari, u l-ażil, u dwar kwistjonijiet relatati mal-acquis ta' Schengen, il-politika dwar il-viżi u l-kontroll tal-fruntieri esterni tagħha, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Balkani tal-Punent. B'mod partikolari, l-Albanija ser tissodisfa dan il-parametru referenzjarju ta' għeluq ladarba:

- Tkompli tiżgura kapaċitajiet suffiċjenti u sostnuti ta' ġestjoni tal-fruntieri u persunal adegwat biex timmaniġġa b'mod effettiv il-flussi migratorji mħallta, inkluż kapaċità ppruvata li tikkontrolla kif xieraq il-fruntieri tagħha, kapaċitajiet suffiċjenti b'rabta mal-fruntieri u l-akkoljenza, u riżultati konkreti fil-ġlieda kontra l-qsim irregolari tal-fruntieri, il-prosekuzzjoni u ż-żarmar ta' networks kriminali involuti fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, u kooperazzjoni internazzjonali effettiva, fost l-oħrajn fuq ir-ritorni u r-riammissjoni;
- Tiżgura l-implimentazzjoni kontinwa tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Schengen biex tfejji b'mod effettiv għall-implimentazzjoni sħiħa tal-acquis ta' Schengen mal-adeżjoni jew fejn rilevanti mal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni sħiħa tal-acquis ta' Schengen.

- Tallinja għalkollox il-politika tagħha dwar il-viżi ma' dik tal-UE, b'mod partikolari billi ttejjem il-prattika tal-ħruġ ta' viżi staġjonali u tallinja l-listi tal-pajjiżi li ċ-ċittadini tagħhom huma taħt obbligu ta' viża u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn dak l-obbligu meta jidħlu ma' dawk tal-UE billi timplimenta bis-sħiħ il-pjan direzzjonali għall-allinjament tal-politika dwar il-viżi adottat f'Novembru 2025.
- Tiżgura li jkun hemm fis-seħħ sistema tal-ażil li tiffunzjona f'konformità mal-aktar acquis reċenti tal-UE, kapaċitajiet suffiċjenti biex jiġu identifikati u riferuti persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, żieda sinifikanti fil-kwalità u fl-għadd ta' deċiżjonijiet li jagħtu protezzjoni internazzjonali u kapaċità ta' akkoljenza xierqa, inkluż faċilitajiet separati għal minorenni mhux akkumpanjati.

Kriterji Ekonomiċi

L-Albanija tissodisfa l-kriterju li tkun ekonomija tas-suq li tiffunzjona. L-Albanija tkompli ssaħħa u tiżgura ambjent tan-negozju stabbli li jipprovdi kompetizzjoni ġusta bejn l-operaturi domestiċi u barranin, aktar trasparenza u rfiġh tar-responsabbiltà tal-intrapriżi tal-istat, informalità mnaqqsa u qafas fiskali prevedibbli li jiżgura l-konformità mar-regoli tat-taxxa u jnaqqas l-evażjoni tat-taxxa.

* *

Il-monitoraġġ tal-progress fl-allinjament mal-acquis tal-UE u l-istandards Ewropej rilevanti u fl-implimentazzjoni tagħhom ser ikompli matul in-negozjati. L-UE tissottolinja li ser tagħti attenzjoni partikolari lill-monitoraġġ tal-kwistjonijiet speċifiċi kollha msemmijin hawn fuq bil-ħsieb li tiżgura l-kapaċità amministrattiva tal-Albanija, il-kapaċità tagħha li tlesti l-allinjament legali fis-setturi kollha f'din il-ġabra, kif ukoll aktar progress fl-implimentazzjoni u l-infurzar. Jeħtieġ li jitqiesu b'mod partikolari r-rabtiet bejn din il-ġabra u ġabriet oħrajn ta' kapitoli ta' negozjar. Valutazzjoni finali tal-konformità tal-leġiżlazzjoni tal-Albanija mal-acquis tal-UE u mal-istandards rilevanti Ewropej kif ukoll tal-kapaċità ta' implimentazzjoni tagħha tista' ssir biss fi stadju aktar tard tan-negozjati. Minbarra l-informazzjoni kollha li l-UE tista' tirrikjedi għan-negozjati f'din il-ġabra u li għandha tiġi pprovduta lill-Konferenza, l-UE tistieden lill-Albanija biex tipprovi regolarment informazzjoni dettaljata bil-miktub dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha msemmijin hawn fuq, il-Konferenza ser ikollha terġa' lura għal din il-ġabra f'mument xieraq.

Barra minn hekk, l-UE tfakkar li jista' jkun hemm acquis tal-UE ġdid bejn it-2 ta' Ottubru 2024 u l-konklużjoni tan-negozjati.